FONTANA

Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret b`urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 8 t`April 2008 fis-2.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**<u>Ħarġiet għar-residenti f`Malta u Għawdex</u>**

Is-Sindku qal li qed jipproponi li ssir ħarġa soċjo-kulturali f`Malta f`April u oħra f`Għawdex f`Mejju. Huwa qal li ħarġa għar-residenti f`Malta ilha ma ssir mill-aħħar ġimgħa ta` Novembru. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi-Sindku semma diversi postijiet t`interess li wieħed jista` jżur bħall-Imdina, r-Rabat u l-Belt fejn issir laqgħa mal-President jew żjara f`Kastilja. Is-Sindku qal illi f`ħafna minn dawn il-postijiet diġa saret żjara. Dwar iż-żjara lill-President jew f`Kastilja trid issir bl-appuntament u għal din il-ħarġa ż-żmien hu limitat. Għal din il-ħarġa s-Sindku ssuġġerixxa li ssir żjara r-Riserva tas-Simmar, t-Torri l-Aħmar u l-Mużew tat-Tonn fil-Mellieħa jew ir-restawr tal-Knisja qadima tas-Siġġiewi. Huwa qal illi għal dawn il-postijiet għadu jrid jiġi ċċekkjat jekk hux possibbli li nżuruhom. Is-Sindku qal illi l-quddiesa tista` ssir il-Bidnija. Il-Kunsill qabel u din il-ħarġa ser issir nhar l-Erbgħa 16 t`April 2008.

**<u>Materji Oħra</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi tingħata l-onorarja sħiħa li tippermetti l-Liġi lis-Sindku.
Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat *e-mail* lill-Kunsill dwar id-devoluzzjoni tal-fondi 189/190 u 191 fi Triq tal-Għajn. Is-Sur Farrugia nforma lill-Kunsill illi d-Direttur ta` l-Artijiet bagħat komunikat fejn qal illi l-Kunsill għamel arranġamenti alternattivi u m`għadux interessat li jakkwista dawn il-fondi. Is-Sindku qal li huwa mportanti ħafna li l-Kunsill ikompli jitlob dawn il-fondi, dan għar-raġuni li hemmhekk hija t-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku fejn hemm ipproponut l-Uffiċċju tal-Kunsill bis-saqaf tiegħu jkun *open space* bejn iz-zuntier u l-*Playing Field*, tant li saħansitra hemm il-permess tal-MEPA maħruġ. Il-Kunsill ma` qabilx ma dan peress hu m`għamel l-ebda arranġamenti alternattivi. Il-Kunsill qabel illi jikteb lis-Sur Farrugia fejn jinfurmah b`dan u jgħidlu li l-Kunsill għadu nteressat f`din id-devoluzzjoni.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi attenda laqgħa oħra mal-organizzaturi ta` l-attivita` *'Gozo 1234'* li ser issir bejn l-1 u l-4 ta` Mejju m`Għawdex kollu. F`din il-laqgħa s-Sindku ssuġġerixxa li ssir attivita` fi Pjazza l-Għejjun fejn jista` jsir ħasil ta` ħwejjeġ u tinħadem xi nassa tal-qasab għall-ħut minn sajjied u jinfetaħ ix-xelter. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ u ntogħġob ħafna mill-organizzaturi. Is-Sindku kkuntattja lis-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* u aċċetta li jgħin f`din l-attivita`. Is-Sur Cassar ser jieħu ħsieb li jinħadem in-newl u jsir il-ħasil tas-suf tan-nagħaġ. Is-Sindku qal li kellem ukoll lil Ċikku Cordina biex jaħdem in-nassa tal-qasab. Il-Viċi-Sindku ser jikkuntattja lil Ġużepp ta` Ċikku t`Anni biex jaħdem ix-xbieki. Il-Kunsillier Horace Micallef semma lil Katarin Mercieca u lil Zolla Borg li jistgħu jieħdu sehem f`din l-attivita`. Il-Kunsill qabel u ser ikun hemm ħlas għal dawk li jieħdu sehem.

Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi hemm xi ħsara fil-kompjuter li jintuża mir-residenti għall-*internet* u lest li jirranġaha hu stess. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill qabel illi jordna l-*business cards*. Għandu jiġi ċċekjat kemm jiswew bejn 300 u 500 *business card*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda laqgħa oħra dwar is-separazzjoni ta` l-iskart mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-*WasteServ*. F`din il-laqgħa l-President tal-Assoċjazzjoni s-Sur Michael Cohen qal li dwar is-separazzjoni ta` l-iskart intlaħaq ftehim. Is-Sur Cohen ippreżenta *draft* tal-ftehim li hu validu sat-30 ta` Ġunju 2008 li jiġi ffirmat mill-Kunsill u l-kollettur. Wara jridu joħorġu offerti għal dan il-għan. Sat-30 ta` Ġunju 2008 il-ħlas ser ikun ta` EUR186 kull vjaġġ li ser ikun maħruġ mill-Gvern. Is-Sur Cohen qal li l-Kunsilli jistgħu jinnegozjaw il-ħlas ta` kull vjaġġ mal-kollettur. Is-Sindku qal illi peress li l-kollettur tagħna u ta` Kerċem huma l-istess sar qbil mas-Sindku Joe Grima li ser ninnegozzjaw prezz miegħu. Is-Sindku qal li tkellem ma` missier Savio Debrincat, Joe Debrincat li aċċetta f`isem ibnu li tinħadem b`EUR100 għal kull vjaġġ u għandu jibda minn nhar it-Tnejn li ġej. Il-Kunsill qabel. Dan ġie konfermat waqt il-laqgħa tal-Kunsill permezz ta` telefonata. Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom iqassmu l-boroż lir-residenti tal-Fontana li ġew provduti mill-*WasteServ*, waħda għal kull ġimgħa sa l-aħħar ta` Ġunju. Wara din id-data r-residenti jridu jixtru dawn il-boroż mis-*supermarkets*.

Il-Kunsill qabel illi jixtri kotba għall-prezz ta` EUR 73.39,0 lill-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca biex jitqiegħdu fil-librerija u jsirilhom timbru tal-Kunsill. Dawn ser jiġu ppreżentati mis-Sindku waqt *'Celebration Day'* li ser tkun nhar il-Ħamis, 10 t`April 2008.

Il-laqgħa ntemmet fit-2.45 ta` wara nofsinhar. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 8 ta` Mejju 2008 fit-3.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |